MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## GIOVANNI GRIXTI

Seduta tat-23 ta' Frar, 2004

Avviz Numru. 22/2004

Avviz Nru. 22/04

Ozosystem Ltd (C 9023)

vs

Ta’ Xbiex Lapins Limited (C 3122)

Il-Qorti

Rat l-avviz permezz ta’ liema s-socjeta attrici talbet l-kundanna tas-socjeta’ konvenuta sabiex thallas l- elfejn tmien mija u seba’ tletin lira Maltin u zewg centizmi (Lm 2, 837.02) ammont ta’ liema ammont huwa dovut lis-Socjeta attrici ghall-Servizzi ta’ tindif resi u ghall-provisjon ta’ prodotti in konnessjoni ma’ l-istess.

Bl-ispejjes inkluzi dawk ta’ l-interperlazzjoni u bl-interessi sa mid-data ta’ meta l-ammont sar dovut, kontra s-Socjeta konvenuta li giet ingunta ghas-subizzjoni.

Rat in-nota ta’ riduzzjoni tas-socjeta’ attrici war l-hlas ta’ nofs is-somma mis-socjeta’ konvenuta u b’hekk it-talba attrici kienet ridotta ghall-elf, reba’ mija u tmintax-il lira Maltin u wiehed u hamsin centezmu (Lm1418.51)

Rat li l-konvenut debitament notifikat ma deherx biex jikkontesta t-talbiet attrici u lanqas ma deher fis-seduta tal-lum biex jirrispondi ghad-domanda in subizzjoni.

Ghaldaqstant il-Qorti, wara li rat l-atti tal-kawza ssib illi t-talba attrici kif ridotta tirrizulta gustifikata u timmerita konferma.

Il-Qorti ghalhekk qeghda tilqa t-talbiet attrici u tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas s-somma mitluba ta’ ghall-elf, reba’ mija u tmintax-il lira Maltin u wiehed u hamsin centezmu (Lm1418.51)
ghar-ragunijiet indikati fl-avviz.

Bl-ispejjes u bl-imghaxijiet legali kontra l-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------